IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.9.2024
COM(2024) 550 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar ir-Rieżami tar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika

{SWD(2024) 200 final}

MT MT

## 1. Evalwazzjoni tal-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika: tħejjija tal-kuntest

Ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (ir-"Regolament dwar il-Governanza", minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament") ġie adottat f'Diċembru 2018[1]. L-għan kien li jinħoloq **mekkaniżmu ta' governanza robust li jippermetti lill-UE tilħaq l-objettivi tagħha dwar l-enerġija u l-klima u tilħaq l-għanijiet stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015, filwaqt li tintegra u tissimplifika l-obbligi skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.** Ir-Regolament ikopri l-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija: is-sigurtà tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni, kif ukoll ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

**Ir-Regolament isaħħaħ l-ippjanar integrat tal-politika nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima billi joħloq qafas koerenti, effiċjenti u trasparenti li jirrazzjonalizza, jamalgama u jissimplifika lista twila ta' obbligi mifruxa u parzjalment sovrapposti ta' monitoraġġ[2].** L-ewwel nett, jappoġġa l-**ippjanar** strateġiku tal-enerġija u tal-klima għal żmien medju u twil permezz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima (NECPs, National Energy and Climate Plans) u strateġiji nazzjonali fit-tul (LTSs, Long-Term Strategies). It-tieni, jipprovdi qafas għall-Istati Membri biex **jirrapportaw** dwar il-progress tagħhom fl-ilħuq tal-objettivi u l-miri fit-tul dwar l-enerġija u l-klima għall-2030[3], kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). It-tielet, jippermetti lill-Kummissjoni **tivvaluta u timmonitorja l-progress** li sar mill-UE u mill-Istati Membri, u tieħu miżuri meta l-livell ta' ambizzjoni u/jew ta' progress ma jkunx biżżejjed.

Ir-Regolament għandu l-għan li **jnaqqas il-piż amministrattiv**, **jipprovdi sinjali ċari ta' investiment** lill-investituri, u **jtejjeb it-trasparenza u l-akkontabilità** billi jagħmel l-informazzjoni tal-politika dwar l-enerġija u l-klima aktar faċilment aċċessibbli għall-pubbliku. Dan ħoloq mekkaniżmu ġdid ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-UE. Kien jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jistabbilixxu djalogi mal-partijiet ikkonċernati f'diversi livelli li jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-komunità tan-negozju, lill-investituri, lil partijiet ikkonċernati oħra, u lill-pubbliku ġenerali.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, [ir-Regolament – 2018/1999 – MT – EUR-Lex (europa.eu)].

2 B'kollox, il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament integrat, irrazzjonalizzat jew ħassret aktar minn 50 obbligu individwali tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ skont l-*acquis* tal-UE dwar l-enerġija u l-klima (integrat 31 u ħassret 23) – ara COM(2016) 759 final/2 2016/0375(COD), ara: [EUR-Lex – 52016PC0759R(01) – MT – EUR-Lex (europa.eu).]

3 L-iktar fatt importanti huwa li r-Regolament ma fihx obbligi tar-rapportar għall-kumpaniji.

**Dan ir-rapport jevalwa kif ir-Regolament iffunzjona u ġie implimentat minn meta daħal fis-seħħ fl-2018, u huwa mirfud minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah[4].** L-evalwazzjoni titwettaq skont l-Artikolu 45 tar-Regolament[5]. Ir-rapport jivvaluta l-kontribut tar-Regolament għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, il-progress fl-objettivi tal-enerġija għall-2030, l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050, kif ukoll l-objettivi l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija. Ir-rapport jevalwa wkoll il-punt sa fejn ir-Regolament jintegra u huwa koerenti mal-obbligi rilevanti tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-UE u internazzjonali.

**Il-valutazzjoni tal-qafas ta' governanza tal-enerġija u tal-klima tal-UE hija f'waqtha u meħtieġa.** Hija politikament importanti minħabba l-kuntest ġeopolitiku li qed jevolvi u l-isfidi klimatiċi, ekonomiċi, tal-kompetittività, soċjali u ambjentali urġenti. L-evalwazzjoni hija bażi utli biex tgħin fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki futuri tal-UE dwar l-enerġija u l-klima, b'mod partikolari fid-dawl tal-ambizzjonijiet tagħna għall-2040 u għall-2050[6].

**Dan ir-rapport jidentifika wkoll oqsma għal titjib, inkluż il-potenzjal li jiġu ssimplifikati u razzjonalizzati l-obbligi tar-rapportar**, f'konformità mal-impenn ġenerali tal-Kummissjoni li tnaqqas tali obbligi b'25 %[7].

**L-evalwazzjoni hija bbażata fuq firxa wiesgħa ta' sorsi u kienet mirfuda minn evalwazzjoni esterna mwettqa minn konsulenti[8].** Is-sejbiet huma parzjalment ibbażati fuq konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-industrija, avveniment tal-partijiet ikkonċernati[9], mal-fehmiet tal-pubbliku li waslu permezz ta' sejħa għall-evidenza[10], riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni,

---

4 SWD(2024) 200

5 L-evalwazzjoni ġenerali twettqet skont il-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar u hija bbażata fuq ħames kriterji standard ta' evalwazzjoni: l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE u r-rilevanza.

6 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-UE sal-2050 u, bil-ħsieb li jinkiseb dan, jirrikjedi l-istabbiliment ta' mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 (ir-Regolament – 2021/1119 – MT – EUR-Lex (europa.eu)). Għal dan l-għan, fi Frar 2024, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE jitnaqqsu b'90 % sal-2040 meta mqabbla mal-1990 (EUR-Lex – 52024DC0063 – MT – EUR-Lex (europa.eu)).

7 Niksbu r-riżultati llum u nħejju għal għada: il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni għall-2024, https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_4965.

8 Studju ta' sostenn għall-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika – rapport finali (qed jitħejja)

9 Ara: https://energy.ec.europa.eu/events/workshop-evaluation-governance-energy-union-and-climate-action-regulation-2024-01-11_en.

10 Ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13799-L-Unjoni-tal-Energija-u-l-azzjoni-klimatika-Rapport-ta-riezami-dwar-ir-Regolament-dwar-il-Governanza_mt.

mal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-NECPs[11] u tar-rapportar tal-progress tal-NECP[12], skrinjar tal-obbligi tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ skont id-dritt tal-UE dwar l-enerġija u l-klima, u studji tal-każijiet fi Stati Membri differenti.

## 2. Il-Governanza tal-Enerġija u l-Klima tal-UE f'kuntest politiku u ġeopolitiku li qed jevolvi

**Ix-xenarju Ewropew u internazzjonali tal-enerġija u tal-klima evolva b'mod sinifikanti minn meta ġie adottat ir-Regolament.** Minn naħa, dan huwa r-riżultat ta' impatti dejjem akbar mit-tibdil fil-klima li skattaw risponsi kbar ta' politika tal-UE u internazzjonali, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-politika tal-UE dwar ir-riskji klimatiċi u l-adattament klimatiku, kif ukoll il-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew sar ukoll l-istrateġija l-ġdida tal-UE għat-tkabbir, li tissepara t-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi. Min-naħa l-oħra, il-politiki tal-UE dwar l-enerġija u l-klima evolvew b'rispons għall-kriżijiet bla preċedent skattati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

**L-iżviluppi leġiżlattivi tal-UE kellhom effetti kbar fuq ir-Regolament.** Adottata fl-2021, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima għamlet emendi mmirati fir-rigward tar-Regolament biex tinkorpora l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE. Il-bidliet leġiżlattivi mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", introduċew ukoll obbligi ġodda tal-ippjanar u tar-rapportar, li wħud minnhom għad iridu jiġu inkorporati bis-sħiħ fir-Regolament. Il-gwida tal-Kummissjoni tal-2022 dwar l-aġġornament tal-NECP[13] ħeġġet lill-Istati Membri jżidu l-ambizzjoni tal-pjanijiet tagħhom skont il-Liġi dwar il-Klima, il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-inizjattiva REPowerEU[14].

**Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament, seħħew ukoll żviluppi kbar ta' politika fil-livell internazzjonali.** Dawn jinkludu deċiżjonijiet dwar kif għandu jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi, pereżempju permezz ta' "qafas ta' trasparenza msaħħaħ". Fil-COP 28,

[11] Valutazzjoni tal-2019 tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-abbozz tal-NECPs tal-2019 (COM/2019/285), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52019DC0285; Valutazzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-abbozz tal-NECPs finali tal-2020, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0564; Valutazzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-abbozz tal-NECPs finali tal-2020 (COM(2020) 564 final), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52020DC0564; Valutazzjoni tal-2023 tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-abbozz tal-NECPs finali tal-2023 (COM/2023/796 final), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52023DC0796.

[12] Il-valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, SWD(2023) 646 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/RO/TXT/?uri=CELEX:52023SC0646.

[13] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima 2021-2030 (2022/C 495/02), Guidance to MS for updated NECPs 2021-2030 – Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

[14] REPowerEU hija r-rispons tal-UE għat-tbatija u għat-tfixkil globali fis-suq tal-enerġija kkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Għandha l-għan li tiddiversifika l-provvisti tal-enerġija tal-UE, tiffranka l-enerġija u tippromwovi aktar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika filwaqt li tnaqqas l-emissjonijiet, ara COM/2022/230 final (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1653033742483&uri=COM%3A2022%3A230%3AFIN).

il-partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi wettqu l-ewwel “rendikont globali”. Huma kkonkludew li, filwaqt li qed jistabbilixxu politiki dwar il-klima dejjem aktar effettivi, hija meħtieġa azzjoni urġenti u addizzjonali. Il-partijiet qablu wkoll li jittripplaw il-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli u jirduppjaw ir-rata ta’ titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, kif ukoll it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija. Barra minn hekk, ħolqu Qafas għar-Reżiljenza Globali għall-Klima u nedew il-programm ta’ ħidma ta’ Belém biex jistabbilixxu indikaturi tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Huma impenjaw ruħhom ukoll li jaċċelleraw l-azzjoni biex gradwalment jeliminaw is-sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew il-gruppi vulnerabbli[15].

**Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għall-ħolqien ta’ strument Ewropew ta’ rkupru ekonomiku rivoluzzjonarju li offra wkoll opportunità biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE.** Il-*Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility)*, li tinsab fil-qalba tal-istrument *NextGenerationEU (NGEU)* u li tammonta għal sa EUR 800 biljun, tirrikjedi li l-Istati Membri jallokaw mill-inqas 37 % tal-finanzjament tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP, Recovery and Resilience Plan) tagħhom għal miżuri li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi.[16] Ir-Regolament RRF ġie emendat fl-2022 biex jippermetti lill-Istati Membri jżidu *l-kapitoli tar-REPowerEU* mal-RRPs tagħhom u jaċċessaw finanzjament addizzjonali biex titneħħa d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi qabel l-2030. *REPowerEU* u inizjattivi leġiżlattivi ta’ emerġenza taffew l-effetti tal-kriżi tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji b’mod koordinat.

**Din l-ispinta fil-finanzjament flimkien ma’ ambizzjonijiet ogħla aċċellerat l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri dwar l-enerġija u l-klima li l-Istati Membri kienu ppreżentaw fl-NECPs oriġinali tagħhom adottati fl-2020.** L-azzjonijiet rilevanti appoġġati mill-RRF issa jridu jiġu riflessi fl-aħħar aġġornamenti tal-NECPs, li kienu dovuti sat-30 ta’ Ġunju 2024. Il-maqlub huwa minnu wkoll: l-NECPs eżistenti kellhom rwol importanti fl-identifikazzjoni ta’ oqsma għar-riforma kif ukoll fil-finanzjament għall-investiment taħt l-RRF.

**Ir-ritorn tal-gwerra fil-fruntieri tal-UE u l-akbar kriżi tal-enerġija li rriżultat mis-snin 70, kienu test iebes tar-reżiljenza tal-UE.** Dawn l-avvenimenti xeħtu dawl fuq l-importanza tas-sigurtà tal-enerġija, il-ħtieġa għal aċċess diversifikat għall-provvisti tal-enerġija u l-ħtieġa li jiġu promossi l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Enfasizzaw ukoll ir-rwol tas-sigurtà tal-enerġija fil-kuntest usa’ tar-reżiljenza ekonomika, iż-żieda fil-kompetizzjoni globali u l-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess kompetittiv għall-materja prima u għall-komponenti biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

**Il-mekkaniżmu ta’ governanza tar-Regolament wera li huwa qafas aġli biex iwieġeb għal dawn l-avvenimenti.** Pereżempju, dan ippermetta lill-Istati Membri jirriflettu l-

---

[15] Id-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta’ Pariġi -1/CMA.5

[16] L-NGEU u l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE 2021-2027 flimkien iridu jonfqu mill-inqas 30 % tal-allokazzjoni kkombinata tagħhom fuq l-azzjoni klimatika (madwar EUR 600 biljun).

politika u ċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi li qed jinbidlu meta jaġġornaw l-NECPs tagħhom għall-perjodu 2021-2030. Fil-valutazzjoni tal-abbozz tal-NECPs[17] aġġornati, il-Kummissjoni kkonkludiet li, meta mqabbla mal-NECPs oriġinali, l-abbozzi tal-pjanijiet aġġornati żiedu b'mod sostanzjali l-livell ta' ambizzjoni tal-għanijiet tal-enerġija u tal-klima għall-2030.

**Madankollu, fid-dawl tal-qafas regolatorju aġġornat, il-valutazzjoni żvelat ukoll diskrepanza fl-ambizzjoni fl-azzjonijiet ippjanati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u tingħata spinta lill-enerġija rinnovabbli u lill-effiċjenza enerġetika.** Biex tnaqqas din id-diskrepanza — u tindirizza nuqqasijiet oħra fl-abbozzi tal-pjanijiet — il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet lil kull Stat Membru[18] li kellhom jitqiesu meta jiġu ffinalizzati l-NECPs aġġornati. Għalhekk, ir-Regolament ikompli jiddependi l-ippjanar tal-enerġija u tal-klima f'mument kruċjali.

## 3. L-Impatt tar-Regolament dwar il-Governanza

***L-effettività: il-kisba ta' riżultati fil-prattika.***

**Ir-Regolament tejjeb l-ippjanar strateġiku, meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-enerġija u l-klima għall-2030 u biex titwitta t-triq biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.** Huwa amalgama diversi pjanijiet ta' azzjoni settorjali nazzjonali f'NECP uniku u koerenti li jkopri setturi ewlenin tal-ekonomija u ggwidat minn miri ċari fuq terminu medju. B'dan il-mod, ikkontribwixxa għall-ippjanar kemm fi ħdan l-Istati Membri — li jirrikjedi li l-ministeri jżidu l-koordinazzjoni tal-politika transsettorjali — kif ukoll bejniethom billi żied il-kooperazzjoni reġjonali transfruntiera, inkluż dwar proġetti ta' infrastruttura.

**Madankollu, għad hemm differenzi konsiderevoli fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-kwalità tal-pjanijiet u l-istrateġiji tal-Istati Membri.** Hemm ukoll parteċipazzjoni politika mhux uniformi fost l-Istati Membri għaċ-ċiklu tal-NECP tar-Regolament. Dan huwa parzjalment relatat mal-użu kontinwu ta' oqfsa ta' ppjanar nazzjonali differenti, li xi drabi jirriżulta fi proċeduri ta' ppjanar paralleli. Xi partijiet ikkonċernati argumentaw li hemm allinjament ħażin fis-sekwenzjar għas-sottomissjoni tal-istrateġiji fit-tul u tal-NECPs u nnutaw li r-rekwiżiti għall-aġġornament tal-istrateġiji fit-tul wara l-adozzjoni tagħhom huma inqas preskrittivi milli għall-NECPs.

**L-ippjanar aħjar u l-qafas ta' politika aktar koerenti għenu biex jinħoloq ambjent aktar prevedibbli għall-investituri, iżda għad fadal xi kwistjonijiet pendenti.** Fl-istess ħin, il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-abbozz (2019), finali (2020) u tal-abbozz tal-NECPs aġġornati (2023) kollha jinnotaw il-ħtieġa li l-NECPs jipprovdu informazzjoni u analiżi aktar dettaljati dwar il-ħtiġijiet ta' investiment u s-sorsi ta' finanzjament. Bl-istess mod, sal-lum ħafna NECPs ma għandhomx stimi robusti tal-impatti makroekonomiċi tal-politiki u l-miżuri ppjanati. Barra minn hekk, meta jitqiesu ċerti ċikli ta' investiment fit-tul (eż. fl-industrija), il-perjodu ta' żmien ta' 10 snin tal-NECPs jista' jkun qasir wisq; dan

[17] Il-valutazzjoni tal-2023 tal-Kummissjoni għall-UE kollha tal-abbozz tal-NECP finali (COM/2023/796 final) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52023DC0796.

[18] Ara: *National energy and climate plans* (europa.eu).

jenfasizza l-importanza li l-istrateġiji fit-tul ikollhom perspettiva ta' 30 sena. L-investituri jistgħu jeħtieġu wkoll aktar informazzjoni granulari (eż. fil-livelli reġjonali u lokali).

**Ir-Regolament ikkontribwixxa għall-introduzzjoni ta' politiki ġodda dwar il-klima u l-enerġija.** Mill-adozzjoni tal-ewwel NECPs fl-2020, l-Istati Membri rrapportaw għadd sinifikanti ta' politiki u miżuri ġodda. Pereżempju, fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima (NECPRs, National Energy and Climate Progress Reports) tal-2023, 29 % tal-miżuri kollha kienu ġodda. Dan juri li l-Istati Membri ħadu azzjoni kontinwa biex jilħqu l-objettivi tal-klima u tal-enerġija għall-2030. Filwaqt li ġew introdotti diversi politiki u miżuri b'rispons dirett għar-Regolament, ħafna oħrajn huma marbuta b'mod aktar indirett miegħu, u dan jirrifletti n-"natura ta' qafas" tar-Regolament li jintegra l-obbligi minn partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima (l-Illustrazzjoni 1). Fl-istess ħin, u kif innotat hawn fuq, il-valutazzjoni madwar l-UE kollha tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2023 tal-abbozz tal-NECPs aġġornati sabet li l-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima jeħtieġ li tiġi intensifikata biex jintlaħqu l-miri (issa aktar ambizzjużi) għall-2030. Jeħtieġ ukoll li l-NECPs jagħtu aktar attenzjoni lill-adattament għat-tibdil fil-klima.

*Illustrazzjoni 1. Is-sehem tal-politiki u tal-miżuri rrapportati mill-Istati Membri fl-NECPR tagħhom marbuta mal-politiki u mal-leġiżlazzjoni tal-UE*




*Nota: Politiki u miżuri ġodda huma dawk stabbiliti mill-NECPs oriġinali. Sors: Valutazzjoni tal-progress lejn l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, SWD(2023) 646 final.*

**Ir-Regolament tejjeb il-kwalità tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri sa ċertu punt.** Fuq kollox, dan ikkontribwixxa biex tiżdied il-kwalità tad-*data* u l-projezzjonijiet tal-inventarju tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE. Il-proċess tal-NECPR ikkontribwixxa għat-titjib tal-kompletezza tal-informazzjoni. Madankollu, għad hemm xi

diskrepanzi u inkonsistenzi fl-informazzjoni rrapportata fir-rapporti ta' progress. Dan japplika wkoll għall-kamp ta' applikazzjoni u għall-kwalità tal-informazzjoni rrapportata dwar il-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima (l-Artikolu 19(1)).

**L-aċċess pubbliku għad-*data* tjieb ukoll**, pereżempju permezz ta' rekwiżiti biex tingħabar u tiġi rrapportata *data* dwar kwistjonijiet ġodda u biex tiġi ppubblikata u kkonsolidata informazzjoni fuq pjattaforma elettronika[19] stabbilita permezz tar-Regolament**.** Madankollu, għalkemm din id-*data* hija disponibbli għall-pubbliku, xi drabi tiġi ppreżentata b'mod kumpless li mhux dejjem jinftiehem faċilment.

**Ir-Regolament huwa pass importanti lejn konsultazzjoni pubblika aktar effettiva u governanza f'diversi livelli tal-politika dwar l-enerġija u l-klima** peress li għandu rekwiżiti legali speċifiċi li jkopru ż-żewġ aspetti (l-Artikoli 10 u 11). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri organizzaw konsultazzjonijiet pubbliċi dwar l-abbozzi tal-NECPs aġġornati tagħhom u rrapportaw diversi inizjattivi biex jinvolvu ruħhom fi djalogi nazzjonali f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija mal-awtoritajiet sottonazzjonali u ma' partijiet ikkonċernati oħra. Madankollu, l-Istati Membri ma stabbilewx konsultazzjonijiet pubbliċi bikrija u inklużivi biżżejjed, kif meħtieġ mir-Regolament, jew djalogi f'diversi livelli ta' kwalità suffiċjenti. Parti mir-raġuni tista' tkun li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament mhumiex preċiżi jew preskrittivi biżżejjed. Ir-rabtiet mar-rekwiżiti tal-involviment tal-pubbliku skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus jew id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika (VAS)[20] jistgħu wkoll ma jkunux ċari biżżejjed. F'xi każijiet, in-nuqqas ta' esperjenza nazzjonali, il-problemi marbuta ma' strutturi u kapaċità amministrattiva u/jew in-nuqqas ta' appoġġ politiku, jista' jkollhom ukoll rwol f'dan.

**Ir-Regolament kellu effett imħallat fuq it-titjib tat-tempestività tal-informazzjoni rrapportata, u l-Istati Membri spiss ssottomettew il-pjanijiet u l-informazzjoni meħtieġa wara l-iskadenza legali.**[21] Id-dewmien jidher li huwa parzjalment ikkawżat mill-ħtieġa għal aktar żmien biex isir aġġustament għall-proċess jew minn skadenzi li jew huma qosra wisq jew qrib wisq ta' xulxin (eż. skadenza għar-rapportar f'Marzu 2023 segwita minn skadenza ta' Ġunju 2023 għas-sottomissjoni tal-abbozz tal-NECPs aġġornati). Proċessi jew ċikli ta' ppjanar nazzjonali jew reġjonali diverġenti, kif ukoll bidliet fil-gvern, f'ċerti każijiet irriżultaw ukoll f'dewmien. F'xi każijiet, ir-restrizzjonijiet tar-riżorsi umani jista' jkollhom ukoll rwol f'dan. Id-dewmien joħloq riskju għall-kompitu tal-Kummissjoni li tiżgura ħarsa ġenerali komprensiva u f'waqtha biex tidderieġi l-ambizzjoni u l-progress lejn l-objettivi tal-enerġija u tal-klima. Erba' Stati Membri biss ippreżentaw l-NECPs aġġornati finali tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2024. Bħala tweġiba, il-

[19] Il-pjattaforma elettronika hija pjattaforma online (magħmula minn żewġ sistemi: Reportnet ġestita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ReportENER ġestita mid-DĠ ENER) biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u jiffaċilitaw l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni. Il-pjattaforma elettronika tappoġġa lill-Istati Membri kollha li jirrapportaw skont dan ir-Regolament.

[20] Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32001L0042&qid=1722073251162).

[21] Għal aktar dettalji ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkumpanjament.

Kummissjoni varat proġetti pilota tal-UE għal dawk l-Istati Membri li ma ppreżentawx NECPs aġġornati finali.

**Il-mekkaniżmu ta' konformità tar-Regolament huwa fil-biċċa l-kbira bbażat fuq rakkomandazzjonijiet u mekkaniżmi oħra mhux vinkolanti.** Għalkemm l-Istati Membri jridu jqisu r-rakkomandazzjonijiet, dawn mhumiex vinkolanti. Rieżami estern tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-NECPs finali fl-2020 ikkonkluda li l-maġġoranza (66 %, jew 378) tar-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri jew kienu indirizzati parzjalment biss (53 %, jew 304) jew ma ġew indirizzati xejn (13 %, jew 74)[22]. Xi partijiet ikkonċernati esprimew il-kritika li, l-aktar l-aktar, il-proċeduri ta' ksur jinbdew b'rispons għal Stat Membru li jikser l-obbligi proċedurali (eż. sottomissjoni tard tal-NECPs), mhux għax ma jintlaħqux il-miri stabbiliti fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur. Ta' min ifakkar, madankollu, li diversi biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima jinkludu l-mekkaniżmi tagħhom stess biex jindirizzaw l-implimentazzjoni insuffiċjenti[23].

**Peress li għadu kmieni fil-perjodu ta' implimentazzjoni, l-istrumenti legali ewlenin tar-Regolament biex jagħlqu kwalunkwe diskrepanza fl-ambizzjoni jew fit-twettiq (l-Artikoli 31 u 32) ftit li xejn intużaw.** Xi partijiet ikkonċernati esprimew dubji dwar il-kapaċità tal-Kummissjoni li taġixxi jekk l-Istati Membri jonqsu milli jilħqu l-ambizzjoni jew it-twettiq. Madankollu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni madwar l-UE tal-NECPs finali matul iċ-ċiklu 2019-2020 identifikat diskrepanza fl-ambizzjoni għall-effiċjenza enerġetika. Biex titnaqqas din id-diskrepanza, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika[24] u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD)[25] ġew riveduti bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fil-proċess li għaddej biex jiġu aġġornati l-NECPs, il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib ir-riskju li jitfaċċaw diskrepanzi fl-ambizzjoni. Fir-rigward tat-twettiq, minħabba ż-żmien meħtieġ biex tiġi kkonsolidata d-*data* dwar l-enerġija u l-klima, kwalunkwe diskrepanza sostanzjali se ssir evidenti biss fil-valutazzjonijiet tal-progress fil-perjodu ta' implimentazzjoni.

**Sa ċertu punt, ir-Regolament stimola l-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.** Il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni madwar l-UE kollha tal-abbozz (2019), finali (2020) u tal-abbozz tal-NECPs aġġornati (2023) b'mod ġenerali sabu li l-Istati Membri kienu identifikaw kif xieraq il-ħtieġa għal kooperazzjoni reġjonali, u xi wħud użaw fora reġjonali

---

22 Studju ta' sostenn għall-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika – rapport finali (qed jitħejja)

23 Pereżempju, ir-Regolamenti dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u l-Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF), jirrikjedu li l-Kummissjoni tivvaluta kull sena l-progress tal-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali stabbiliti skont dawn ir-regolamenti u li l-Istati Membri jissottomettu pjan ta' azzjoni korrettiva f'każ ta' progress insuffiċjenti (minkejja li tali mekkaniżmi jistgħu jiddependu fuq il-proċessi ta' rapportar u ta' rieżami tad-*data* stabbiliti mir-Regolament dwar il-Governanza).

24 Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AJOL_2023_231_R_0001.

25 Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (riformulazzjoni), Direttiva – UE – 2024/1275 – MT – EUR-Lex (europa.eu)

bħall-gruppi ta' livell għoli stabbiliti mill-Kummissjoni[26]. Fl-istess ħin, il-valutazzjonijiet żvelaw użu mhux uniformi ta' konsultazzjoni reġjonali fit-tħejjija tal-NECPs u livelli differenti ta' dettall dwar il-miżuri li l-Istati Membri qed jippjanaw li jimplimentaw flimkien ma' Stati Membri oħra. Eżempju speċifiku ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri huwa l-mod li bih il-Finlandja u l-Lussemburgu użaw il-Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli (REFM, Renewable Energy Financing Mechanism) bħala mekkaniżmu eżekuttiv biex tiġi evitata diskrepanza fis-sehem tal-Lussemburgu tal-enerġija rinnovabbli. L-REFM għadu fi stadju bikri ta' implimentazzjoni u hemm potenzjal mhux sfruttat. L-offerti futuri ppjanati jindikaw li l-użu ta' dan il-mekkaniżmu jista' jiżdied.

***<u>L-effiċjenza: simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni</u>***

**Billi jirrazzjonalizza, jamalgama u jissimplifika l-obbligi tal-politika dwar l-enerġija u l-klima, ir-Regolament jirrappreżenta pass importanti lejn it-tnaqqis tal-kostijiet u t-titjib tal-koerenza tal-politika.** Ir-razzjonalizzazzjoni ħadet il-forma ta' pjanijiet integrati (NECPs), strateġiji fit-tul (LTSs) u rapporti ta' progress (NECPRs), l-amalgamazzjoni ta' obbligi relatati tal-UE u internazzjonali f'Regolament[27] wieħed u t-tħassir totali ta' oħrajn. Fil-valutazzjoni tal-impatt li tirfed il-proposta leġiżlattiva inizjali tal-Kummissjoni, din ir-razzjonalizzazzjoni tal-politiki ġiet stmata li tirriżulta fi tnaqqis annwali ta' 5 % fil-kostijiet tar-rapportar dirett taħt il-biċċiet kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija meta mqabbla max-xenarju bażi[28].

**Fl-istess ħin, l-amalgamazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' obbligi tal-ippjanar u tar-rapportar f'Regolament wieħed tikkonċentra wkoll il-kostijiet minn biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni.** Abbażi tal-informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali għall-istudju ta' appoġġ[29], il-kostijiet ta' darba li jirriżultaw minn dawn l-obbligi huma stmati għal bejn EUR 7.8 miljun u EUR 10.5 miljun għas-27 Stat Membru flimkien, u EUR 1.1 miljun għall-UE (il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)). Il-kostijiet rikorrenti annwali huma stmati bejn EUR 13.9-il miljun u EUR 19.5-il miljun għas-27 Stat Membru flimkien u EUR 3.8 miljun għall-UE. Filwaqt li mhuwiex possibbli li tingħata stima kwantitattiva tal-iffrankar dirett miksub mir-Regolament, ir-razzjonalizzazzjoni wasslet għal xi ffrankar, kif previst fil-valutazzjoni tal-impatt oriġinali.

**Ir-Regolament jipproduċi wkoll benefiċċji ta' effiċjenza li ma jistgħux jiġu kkwantifikati.** L-amalgamazzjoni ta' diversi dokumenti ta' ppjanar strateġiku f'NECP

---

[26] Il-Kummissjoni stabbiliet erba' gruppi ta' livell għoli biex jipprovdu tmexxija strateġika u gwida politika dwar l-iżvilupp regolatorju u tal-infrastruttura u biex jimmonitorjaw il-progress fuq proġetti ta' interess komuni f'reġjuni ta' prijorità: il-Kooperazzjoni tal-Enerġija fl-Ibħra tat-Tramuntana (NSEC), l-Interkonnessjonijiet għall-Ewropa tal-Lbiċ, il-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP), u l-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC).

[27] Dan ma naqqasx direttament il-piż amministrattiv ta' dawn l-obbligi tar-rapportar (li fil-biċċa l-kbira baqgħu l-istess) iżda naqqas il-kumplessità leġiżlattiva billi ġabar l-obbligi taħt strument wieħed.

[28] Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, evalwazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. Ara https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=SWD%3A2016%3A394%3AFIN.

[29] Ara t-Taqsima 4.1.10 u l-Annessi II u IV tad-dokument ta' ħidma tal-persunal.

wieħed ma' proċess razzjonalizzat u mudelli preskritti għandha, mill-inqas maż-żmien, tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-approċċ integrat għar-rapportar dwar il-progress fl-NECPRs itejjeb ukoll kemm l-effiċjenza kif ukoll il-kwalità tal-proċess ta' rapportar. Dawn il-vantaġġi, għalkemm diffiċli biex jiġu kkwantifikati, għandhom valur sostanzjali, b'mod partikolari sal-punt li *data* aħjar u ppjanar aktar koerenti jtejbu t-tfassil tal-politika fit-tul.

**Billi jiġu razzjonalizzati aktar l-aspetti sostantivi u tal-proċess, għad jista' jsir aktar biex jitnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat mal-ippjanar u mar-rapportar tal-politika dwar l-enerġija u l-klima.** Minkejja l-benefiċċji tal-effiċjenza tar-Regolament, ħafna mill-awtoritajiet nazzjonali kkonsultati qiesu li l-implimentazzjoni tar-Regolament kienet teħtieġ żieda fir-riżorsi finanzjarji u umani. Minbarra l-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni bejn is-servizzi u kompilazzjoni tad-*data*, dan jista' jirriżulta mill-ippjanar tal-politika nazzjonali li spiss ma jkunx allinjat bis-sħiħ mar-Regolament, u b'hekk jirriżulta fi proċessi paralleli. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati (speċjalment l-awtoritajiet nazzjonali) irrikonoxxew li hemm kurva ta' apprendiment u kellhom it-tendenza li jistennew li l-piż amministrattiv se jittaffa maż-żmien malli l-aspettattivi, l-għodod u l-mudelli tal-output jiġu rfinati.

**Ċerti fatturi jistgħu jinfluwenzaw l-impatti perċepiti tar-Regolament fuq il-kostijiet amministrattivi.** Pereżempju, minn meta ġie adottat ir-Regolament, il-politiki dwar l-enerġija u l-klima żdiedu f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, ambizzjoni, kumplessità, u importanza politika, b'effetti indiretti fuq ir-rekwiżiti tal-ippjanar u tar-rapportar. Iċ-ċiklu tal-NECP/R attwali jirrifletti xi wħud minn dawn il-bidliet fil-politika, jew permezz ta' emendi legali jew fil-forma ta' gwida[30].

**Ir-Regolament għamel ukoll ir-rapportar aktar effiċjenti permezz ta' żieda fid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari billi l-UE investiet EUR 5 miljun fil-ħolqien ta' pjattaforma elettronika ddedikata**. L-użu ta' mudelli diġitali u proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità kkontribwew ħafna għall-komparabbiltà tad-*data* rrapportata u għall-faċilità tal-użu mill-ġdid tad-*data*. Il-pjattaforma elettronika qed tintuża wkoll progressivament biex tintegra obbligi minn barra r-Regolament, u b'hekk tiġġenera ffrankar sostanzjali tal-kostijiet u sinerġiji. Il-pjattaforma naqqset b'mod sinifikanti l-piż fuq il-Kummissjoni biex tiġġestixxi l-perjodi ta' rapportar, tanalizza d-*data* rrapportata u tagħmel id-*data* disponibbli għall-użu mill-ġdid.

**Filwaqt li dan huwa pass ċar 'il quddiem, il-pjattaforma tista' ssir aktar faċli għall-utent u inqas kumplessa**. L-assistenza teknika u t-tutorials ipprovduti mill-Kummissjoni u mill-EEA tqiesu partikolarment utli minn dawk l-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċess ta' rapportar. Madankollu, il-koeżistenza ta' żewġ pjattaformi ta' rapportar

---

30 L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida lill-Istati Membri għall-aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima tal-2021 sal-2030 (2022/C 495/02), [EUR-Lex – 52022XC1229(02) – MT – EUR-Lex (europa.eu)](#).

differenti (ReportNET3 u ReportENER) wasslet għal kritika minn xi awtoritajiet nazzjonali u partijiet ikkonċernati.

**Il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew li r-razzjonalizzjoni hija proċess kontinwu** u rrakkomandaw li jiġi esplorat kif jista' jinstab bilanċ aħjar bejn il-volum u l-livell ta' dettall meħtieġ fl-obbligi tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ minn naħa waħda, u l-informazzjoni essenzjali meħtieġa biex l-UE tilħaq il-miri tagħha min-naħa l-oħra.

**Il-Kummissjoni diġà qed tieħu azzjoni biex tindirizza l-piż amministrattiv.** Hija impenjat ruħha li tnaqqas il-piż amministrattiv tal-obbligi tar-rapportar skont id-dritt tal-UE b'25 % mingħajr ma ddgħajjef l-objettivi ta' politika ewlenin[31].

Il-Kummissjoni wettqet skrinjar fil-fond assistit mill-IA tal-obbligi tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ skont id-dritt tal-UE dwar l-enerġija u l-klima, filwaqt li tat attenzjoni wkoll lir-rabtiet bejn dawk l-obbligi u l-obbligi tar-rapportar relatati mas-sostenibbiltà f'oqsma oħra ta' politika. B'kollox, hija skrinjat aktar minn 700 obbligu[32], u 41 minnhom jaqgħu taħt ir-Regolament (l-Illustrazzjoni 2).

*Illustrazzjoni 2. Obbligi tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ fid-dritt tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u oqsma ta' politika relatati — għal kull qasam leġiżlattiv u għal kull entità responsabbli*







Abbażi ta' dan il-proċess ta' skrinjar, il-Kummissjoni identifikat diversi azzjonijiet ewlenin fil-pjanijiet ta' razzjonalizzazzjoni biex tidentifika miżuri ġodda biex jitnaqqsu l-piżijiet tar-rapportar, inkluż it-tħassir tal-obbligi tar-rapportar dwar il-ħażna taż-żejt[33], ir-

[31] COM(2024) 163 final, *The Clean Transition Dialogues - stocktaking a strong European industry for a sustainable Europe*, edc7b551-6b25-42ab-b36c-d9af7d4654e9_en (europa.eu).

[32] "Rekwiżit ta' rapportar" huwa rekwiżit li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-UE li jobbliga lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, lill-organizzazzjonijiet privati u/jew lill-organizzazzjonijiet pubbliċi biex jipprovdu *data* strutturata jew mhux strutturata (kwalitattiva jew kwantitattiva) lill-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-UE jew nazzjonali.

[33] Skont l-Artikolu 6(2) u 9(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE (Direttiva – 2009/119 – MT – EUR-Lex (europa.eu)), u l-Artikolu 26(1)a) tar-Regolament (UE) 2018/1999 (Regolament – 2018/1999 – MT – EUR-Lex (europa.eu))

rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass[34], u l-leġiżlazzjoni terzjarja skont il-leġiżlazzjoni tas-suq intern tal-gass u tal-elettriku u r-Regolament dwar l-Integrità u t-Trasparenza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa (REMIT)[35]. Dan huwa kkomplementat minn diversi miżuri ta' appoġġ biex tiġi ffaċilitata l-konformità. Il-pjanijiet ta' razzjonalizzazzjoni nnutaw ukoll ir-reviżjoni possibbli tar-Regolament bħala mezz biex tkompli tittejjeb l-effiċjenza.

***Politiki koerenti u konsistenti dwar l-enerġija u l-klima***

**Ir-Regolament huwa qafas internament koerenti u unifikat li jiġbor flimkien diversi obbligi tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ li qabel kienu mifruxa f'diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE.** Madankollu, għad hemm xi inkonsistenzi, l-aktar minħabba l-kumplessità tal-amalgamazzjoni ta' bosta obbligi f'qafas uniku. L-oqsma fejn hemm għarfien espert fit-tul fl-ippjanar u fir-rapportar (bħall-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-enerġija rinnovabbli, u l-effiċjenza enerġetika) huma spiss aktar żviluppati minn oqsma ta' politika aktar ġodda u aktar trasversali bħall-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jew il-faqar enerġetiku. Huwa mistenni li r-Regolament u d-disinn iterattiv tiegħu — appoġġati minn Regolamenti ta' implimentazzjoni, gwida tal-Kummissjoni għaċ-ċiklu ta' aġġornament tal-NECP u laqgħat tal-esperti — se jippromwovu l-apprendiment bl-għemil. Il-pjanijiet u r-rapporti sussegwenti għandhom jiksbu konverġenza u integrazzjoni akbar.

**Ir-Regolament tejjeb ukoll il-koerenza bejn il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u partijiet oħra relatati tad-dritt tal-UE, u anke ma' ftehimiet internazzjonali.** Ir-Regolament jinkludi regoli komuni għall-ippjanar, għar-rapportar u għall-monitoraġġ ta' ftehimiet internazzjonali li, fost affarijiet oħra, jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-obbligi tagħhom skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi. Madankollu, huma meħtieġa xi aġġornamenti fir-rigward tar-Regolament biex jiġi żgurat allinjament sħiħ mar-regoli u mal-proċessi internazzjonali maqbula reċentement.

**Ir-Regolament għadu mhuwiex kompletament koerenti mal-leġiżlazzjoni ġdida jew aġġornata tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.** B'mod partikolari, għadu ma jirriflettix bis-sħiħ l-obbligi tar-rapportar ġodda jew riveduti relatati li jirriżultaw mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Pereżempju, għad irid jintegra l-proċess stabbilit skont l-Artikolu 4(5) tar-riformulazzjoni tal-EED biex jistabbilixxi l-kontribut nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew il-mekkaniżmu iterattiv relatat għall-indirizzar tad-diskrepanzi skont l-Artikolu 4(6).

**Il-koerenza bejn l-NECPs u l-pjanijiet taħt il-programmi ta' finanzjament tal-UE wkoll jisthoqqilha attenzjoni.** Pereżempju, fl-aġġornamenti finali tal-NECPs tagħhom, l-

[34] Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (Regolament – 2017/1938 – MT – EUR-Lex (europa.eu)).

[35] Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa Test b'rilevanza għaż-ŻEE (http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1227/2024-05-07).

Istati Membri għandhom jipprovdu aktar dettall dwar is-sinerġiji mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tagħhom tal-politika agrikola komuni u dwar il-miżuri u r-riformi rilevanti fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza u fil-kapitoli tar-REPowerEU. Għandhom jiġu indirizzati wkoll l-inkonsistenzi bejn l-impenji li saru fl-abbozz tal-NECPs aġġornati u l-impenji reġjonali *interim* dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili li saru fil-pjanijiet territorjali ta' tranżizzjoni ġusta adottati.

**Hemm ukoll lok biex jissaħħu l-koerenza u s-sinerġiji ma' oqsma oħra ta' politika**, inkluż dwar l-ambjent (eż. il-kwalità tal-arja, l-ekonomija ċirkolari, l-ilma u l-bijodiversità), l-agrikoltura, it-trasport, l-industrija u l-politika makroekonomika.

***Ir-rilevanza u l-valur miżjud għal Unjoni tal-Enerġija u l-Klima***

**Ir-Regolament ipprovda valur miżjud tal-UE billi tejjeb il-konsistenza u l-koordinazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima.** Dan jipprovdi valur miżjud tal-UE billi jistabbilixxi qafas u mekkaniżmi li jappoġġaw politiki nazzjonali aktar konsistenti u kkoordinati dwar l-enerġija u l-klima u jipprovdi sinjali aktar ċari lill-investituri, rekwiżiti essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri kollettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u lil hinn.

**Billi talab għall-pubblikazzjoni ta' *data* u rapporti addizzjonali, ir-Regolament ipprovda informazzjoni fil-livell tal-UE jew nazzjonali li kieku ma kinitx tkun disponibbli. Dan żied il-prevedibbiltà u t-trasparenza tal-politiki tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima billi ħoloq qafas ta' governanza komprensiv u integrat.** Dan huwa mirfud minn proċessi u skadenzi standardizzati tal-ippjanar, tar-rapportar u tal-monitoraġġ, koordinazzjoni akbar, u aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

**Ir-Regolament tejjeb l-akkontabilità sa ċertu punt** billi estenda l-obbligi tal-ippjanar u tar-rapportar għal oqsma addizzjonali, tejjeb l-aċċessibbiltà pubblika tad-*data*, u ħoloq proċess iterattiv li jippermetti lill-Kummissjoni tivvaluta l-kwalità u l-ambizzjoni tal-pjanijiet tal-Istati Membri.

**Xi partijiet ikkonċernati kkritikaw ir-Regolament għan-nuqqas ta' aċċess ċar, armonizzat u effettiv għad-drittijiet tal-ġustizzja** biex jikkontestaw l-NECPs u l-LTSs quddiem il-qrati nazzjonali jekk jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti parteċipattivi jew jiksru l-leġiżlazzjoni ambjentali. Huma jargumentaw li dan jikkontribwixxi għal applikazzjoni inkonsistenti madwar l-UE u jimmina l-konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li tippermetti skrutinju pubbliku aħjar tal-atti li jaffettwaw l-ambjent. Għalkemm ir-Regolament jiddikjara b'mod ċar li l-konsultazzjonijiet imwettqa dwar il-pjanijiet għandhom ikunu, fejn ikun applikabbli, konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva SEA, xi partijiet ikkonċernati argumentaw li hija mixtieqa aktar ċarezza biex jiġi żgurat l-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja fl-Istati Membri kollha.

**Aktar minn 5 snin wara l-adozzjoni tar-Regolament, l-objettivi ewlenin tiegħu jibqgħu rilevanti ħafna u x'aktarx se jsiru ħafna aktar.** L-isfidi soċjoekonomiċi, ambjentali u ġeopolitiċi ta' dawn l-aħħar snin, flimkien mal-urġenza dejjem akbar biex jiġi

indirizzat it-tibdil fil-klima u tingħata spinta lir-reżiljenza għall-klima tagħna, qed isawru mill-ġdid il-prijoritajiet ta' politika. Huma wrew il-ħtieġa li tiżdied il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll fl-UE, biex jintlaħqu objettivi dejjem aktar ambizzjużi u ta' sfida dwar il-klima u l-enerġija, jiġu indirizzati s-sigurtà tal-enerġija, l-affordabbiltà u t-tħassib dwar it-tranżizzjoni ġusta, jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni billi jiġi attirat l-investiment u tinħoloq Unjoni tal-Enerġija ġenwina. Qafas ta' governanza robust, simplifikat u aġli se jkompli jkun għodda ewlenija biex l-UE tkun tista' tilħaq dawn l-objettivi.

## 4. Il-konklużjonijiet u t-tagħlimiet meħuda

**Minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament f'Diċembru 2018, dan għamel l-ippjanar u r-rapportar dwar l-enerġija u l-klima aktar koerenti, integrat u sempliċi.** Dan wera l-valur miżjud tiegħu f'kuntest li qed jevolvi malajr, inkluż politiki u leġiżlazzjoni dejjem aktar ambizzjużi u trasversali dwar l-enerġija u l-klima, il-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija skattata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Ir-Regolament kellu rwol importanti biex iqiegħed lill-UE fit-triq it-tajba biex tilħaq l-objettivi u l-miri tagħha dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u lil hinn b'mod aktar effiċjenti. L-NECPs aġġornati finali se jkunu għodda ewlenija biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

**Għalkemm il-qafas ta' politika ġenerali maħluq mir-Regolament kompla jagħti riżultati anke f'ċirkostanzi li jinbidlu, din l-evalwazzjoni tenfasizza li hemm oqsma fejn jista' jsir aktar titjib.** Dan jipprovdi għarfien li se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa u għar-reviżjoni possibbli tar-Regolament.

**Ir-Regolament jeħtieġ li jgħin lill-UE tilħaq sett ta' objettivi dejjem usa' u dejjem aktar ambizzjużi dwar l-enerġija u l-klima lil hinn mill-ilħuq tal-miri tagħha għall-2030.** Filwaqt li jiżgura l-istabbiltà regolatorja u jżomm l-ambizzjonijiet tagħna għall-2030, li huma fundamentali biex jimmaterjalizzaw l-investimenti fi tranżizzjoni nadifa, ir-Regolament għandu jipprovdi bażi biex jitfasslu u jiġu implimentati l-politiki dwar l-enerġija u l-klima skont l-ambizzjonijiet tagħna għall-2040 u għall-2050. Il-mekkaniżmu ta' governanza tiegħu jrid jgħin biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Dan irid iqis ukoll il-kompetittività, is-sigurtà tal-enerġija u r-reżiljenza tal-enerġija, jindirizza l-isfidi tul il-katina tal-provvista għal teknoloġiji nodfa u b'emissjonijiet żero netti, jinċentiva l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili u s-sussidji għall-fjuwils fossili, jindirizza l-faqar enerġetiku u t-tħassib dwar it-tranżizzjoni ġusta, iqis l-aspetti tal-ħiliet u l-impjiegi, u jagħmel enfasi akbar fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-adattament għat-tibdil fil-klima filwaqt li jqis il-Valutazzjoni tar-Riskju dwar il-Klima Ewropea[36] reċenti. Dan jitlob tisħiħ ulterjuri tal-governanza tal-enerġija u tal-klima tal-UE biex jiġu indirizzati l-frammentazzjoni, id-diskrepanzi, u l-approċċi nazzjonali mhux koordinati li fadal.

**Skont l-impenn tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piż amministrattiv mill-obbligi tar-rapportar b'25 %, hemm għażliet biex ir-Regolament jiġi ssimplifikat u razzjonalizzat aktar, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni.** L-għażliet jinkludu r-

---

[36] Ir-Rapport 01/2024 tal-EEA, *European Climate Risk Assessment* (European Climate Risk Assessment – L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)).

razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-NECPs u tal-NECPRs, li jkomplu jallinjaw ir-rapportar mar-rekwiżiti skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-qafas ta' trasparenza msaħħaħ tiegħu, ineħħu r-rapportar dwar il-ħażna taż-żejt[37] kif ukoll jespandu u jtejbu l-funzjonalità tal-pjattaforma elettronika, pereżempju biex jippermettu użu mill-ġdid aktar effettiv tad-*data*. Ta' min jivvaluta wkoll għażliet addizzjonali, bħall-esplorazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex jittejbu s-sinerġiji u l-koerenza ma', u l-integrazzjoni ta', oqsma oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-obbligi internazzjonali tal-UE biex jinkisbu kisbiet addizzjonali fl-effiċjenza. B'hekk it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament bl-għan li jkopri oqsma ta' politika lil hinn mill-enerġija u l-klima jgħin biex ikun hemm aktar kisbiet fl-effiċjenza u jistħoqqlu kunsiderazzjoni bir-reqqa.

**L-iżgurar li l-NECPs futuri jkunu pjanijiet ta' investiment ta' tranżizzjoni ekoloġika reali jirrikjedi ċertezza akbar skont ir-Regolament għall-investiment pubbliku u, b'mod partikolari, privat fil-livelli kollha.** L-istrumenti ewlenin tal-ippjanar skont ir-Regolament iridu jidentifikaw aħjar il-ħtiġijiet ta' investiment u s-sorsi ta' finanzjament fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali, jagħtu sinjali aktar b'saħħithom u jipprovdu *data* aħjar lill-investituri, u jenfasizzaw l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet ekonomiċi tat-tranżizzjonijiet tal-enerġija u tal-klima. Billi jibdew bil-pjanijiet aġġornati finali li l-Istati Membri kellhom jadottaw sat-30 ta' Ġunju 2024, l-NECPs għandhom ikunu l-pjan ta' azzjoni biex jiġi żgurat li l-UE tilħaq l-ambizzjonijiet u l-objettivi tagħha għall-2030 u lil hinn.

**It-titjib tal-konformità jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament**. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur stabbilew l-ambizzjoni, l-objettivi u l-miri ġenerali tal-UE. Madankollu, għad hemm ċerti sfidi f'termini tal-preżentazzjoni fil-ħin tal-pjanijiet, rapporti ta' kwalità suffiċjenti, u implimentazzjoni effettiva. Il-ħsieb dwar kif il-konformità tista' tissaħħaħ b'mod konkret, jistħoqqlu aktar riflessjoni.

**Hemm diversi oqsma fejn il-konsistenza tista' tittejjeb.** Dawn jinkludu r-relazzjoni bejn l-LTSs u l-NECPs kif ukoll, fil-kuntest tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, bejn l-NECPs u l-baġits nazzjonali. Għalkemm ir-Regolament huwa l-istrument ewlieni għar-rapportar tal-Istati Membri dwar l-azzjoni ta' adattament għat-tibdil fil-klima, ma fihx indikaturi biex jiġi segwit il-progress f'dan il-qasam. Barra minn hekk, ir-Regolament jista' ma jirriflettix biżżejjed aspetti speċifiċi għas-settur (eż. il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni fl-industrija, fit-trasport u fil-bini) biex jiskatta l-azzjoni meħtieġa.

**L-ilħuq tal-objettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima fuq terminu medju u fit-tul jirrikjedi aktar impenn mill-Istati Membri , l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-industrija, is-settur finanzjarju, is-sħab soċjali, u s-soċjetà ċivili, kif ukoll aktar kooperazzjoni magħhom**. Hemm bżonn li jittieħed approċċ ġenwinament kollaborattiv ibbażat fuq il-konsultazzjoni, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-iskambji ta' prattiki tajbin, l-assistenza teknika, u l-koordinazzjoni. Approċċ aktar politiku u razzjonalizzat għall-kooperazzjoni reġjonali jista' jtejjeb il-ħidma konġunta fuq proġetti transfruntiera,

[37] L-Artikolu 26(1)c tar-Regolament dwar il-Governanza.

inkluż proġetti biex tinbena l-infrastruttura meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija lejn emissjonijiet żero netti[38], u biex titħeġġeġ l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fost l-Istati Membri.

[38] Ara Enrico Letta, *Much More than a Market*: *Speed, Security, Solidarity*. Disponibbli hawn: much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf (europa.eu).